MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2014

Numru 317/2014

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**Priscilla Mamo**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ Priscilla Mamo ta’ 28 sena, bint il-mejjet John u Maria Dolores Casha nee’ Montebello imwielda Pieta’ fil-21 ta’ Frar, 1986, residenti fil-fond ‘Jason Flats’, Flat 2, Triq Pawlu Farrugia, Qormi u detentrici tal-karta tal-identita’ numru 11386M.

Akkuzata talli fis-27 ta’ Marzu, 2014 u fix-xhur ta’ qabel, f’ dawn il-Gzejjer ffalsifikat jew bidlet, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta’ industrija, jew manifattura, jew xjentement ghamlet uzu ta’ sinjali, tabella jew emblemi li kien fihom indikazzjoni li tista’ tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew bieghet tali merkanzija, jew xjentement qeghedt fic-cirkolazzjoni, bieghet jew zammet ghandha ghall-bejgh jew importat ghal hsieb ta’ Kummerc, merkanzija b’ marka, sinjal jew emblem imxebbhin b’ qerq u cioe’ numru ta’ DV’s ta serje televizivi Maltin, ai termini ta’ l-artikolu 298(1) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi bi qliegh jew bi skop ta’ Kummerc, stampat, immanifatturat, idduplikat jew mod iehor irriproduciet jew ikkupjati jew bieghet, qasmet jew mod iehor irriproduciet jew ikkupjati, jew bieghet, qasmet jew mod iehor offriet ghal bejgh jew biex tqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta’ l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta’ Malta jew tahtha, ai termini ta; l-artikolu 298B tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’ jaqsmu mal-hatra tal-esperti ai termini tal-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputata kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar it-30 ta’ Mejju 2014 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputata wiegbet li hija hatja, din il-Qorti wissietha b’ mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba taghha u tatha zmien xieraq sabiex jekk trid terga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietha t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghha.

Semghat s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputata, l-Qorti tiddikjara li ma’ ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja ta’ l-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat l-fatt li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-proceduri, il-fatt li ghandha fedina penali nadifa, ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u ikkunsidrat ukoll l-fatt li kien hemm koperazzjoni shiha mill-imputata fil-kors tal-investigazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Art. 298(1) u 298B tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessi u b’ applikazzjoni tal-Artikolu 22

tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkommettiex reat iehor sa zmien sentejn millum.

Il-Qorti tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tad-dvd’s indikati f’ Dok MC3 b’ dan illi l-Prosekuzzjoni qed tinghata terminu ta’ 15 –il gurnata millum sabiex permezz ta’ nota tindika jekk ghandiex bzonn ta’ dawn id-dvd’s bhala prova fi proceduri kontra terzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------